IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2013
COM(2013) 715 final

2013/0340 (NLE)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/71/EURATOM li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-Sikurezza Nukleari ta' installazzjonijiet nukleari

{SWD(2013) 422 final}
{SWD(2013) 423 final}
{SWD(2013) 424 final}
{SWD(2013) 425 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Kuntest ġenerali

L-aċċident fl-impjant nukleari (NPP) ta' Fukushima Daiichi fl-2011 wassal għal ħsara ambjentali, ekonomika u soċjali sinifikanti u qajjem tħassib dwar il-possibbiltà ta' effetti fuq is-saħħa fil-popolazzjoni affettwata fil-Ġappun. Minkejja li ġie kkawżat minn terremot u tsunami ta' saħħa immensa, l-investigazzjonijiet tal-kawżi tal-aċċident jiżvelaw firxa ta' fatturi prevedibbli li flimkien jagħtu eżitu katastrofiku. L-analiżi tal-aċċident nukleari ta' Fukushima tiżvela kwistjonijiet tekniċi pjuttost sostanzjali u rikorrenti kif ukoll nuqqasijiet istituzzjonali persistenti simili għal dawk tal-evalwazzjonijiet ta' wara l-aċċidenti nukleari ta' Three Mile Island u ta' Chernobyl għexieren ta' snin ilu. Dan l-aħħar aċċident nukleari għal darb'oħra affettwa ħażin il-fiduċja tal-pubbliku fir-rigward tas-sikurezza tal-enerġija nukleari; u b'mod partikolari fi żmien fejn l-użu tal-enerġija nukleari qiegħed jiġi diskuss bħala għażla possibbli sabiex jiġu ssodisfati d-domandi globali għall-enerġija b'mod sostenibbli.

L-aċċident nukleari ta' Fukushima reġa' tefa' attenzjoni fuq l-importanza kbira li jiġu żgurati l-livelli l-aktar robusti ta' sikurezza nukleari fl-UE u madwar id-dinja.

Fil-preżent, l-enerġija nukleari tiġġenera kważi 30 % tal-elettriku kollu fl-UE u madwar żewġ terzi tal-elettriku b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. L-UE għandha 132 reattur operattiv, li jirrappreżentaw madwar terz mill-437 reattur operattiv tal-enerġija nukleari fid-dinja. Il-biċċa l-kbira tal-NPPs tal-UE kienu diġà nbnew tlieta sa erba' deċennji ilu, u huma bbażati fuq disinji u dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza li minn dak iż-żmien baqgħu jiġu aġġornati.

Is-sikurezza nukleari hija tal-akbar importanza għall-UE u n-nies tagħha. L-effetti tal-aċċidenti nukleari ma jiqfux sal-konfini nazzjonali u jistgħu jwasslu għal konsegwenzi potenzjalment perikolużi għas-saħħa tal-ħaddiema u għaċ-ċittadini kif ukoll għal implikazzjonijiet ekonomiċi kbar. Għalhekk huwa essenzjali għas-soċjetà u l-ekonomija li jitnaqqas ir-riskju ta' aċċidenti nukleari fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE billi jiġu applikati standards għoljin għas-sikurezza nukleari u tkun garantita kwalità għolja ta' sorveljanza regolatorja.

Fil-perjodu eżatt wara l-aċċident nukleari ta' Fukushima, ir-rispons tal-UE għall-avvenimenti kien wieħed immedjat.

Abbażi ta' mandat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tal-24-25 ta' Marzu 2011[1], il-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG), nediet valutazzjonijiet komprensivi tas-sikurezza u r-riskju madwar l-UE tal-impjanti nukleari ("Testijiet tal-Istress"). It-Testijiet tal-Istress ġew iddefiniti bħala valutazzjoni mill-ġdid immirata lejn il-marġnijiet ta' sikurezza tal-NPPs fid-dawl tal-avvenimenti f'Fukushima relatati ma' avvenimenti naturali estremi li joħolqu sfida għall-funzjonijiet tas-sikurezza tal-impjanti. Kull wieħed mill-erbatax-il Stat Membru tal-UE li jopera impjant nukleari[2] flimkien mal-Litwanja[3] pparteċipaw f'dawn il-valutazzjonijiet. L-Isvizzera, l-Ukrajna u l-Kroazja pparteċipaw b'mod sħiħ fit-Testijiet tal-Istress tal-UE u fil-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari, filwaqt li pajjiżi ġirien oħra (eż. it-Turkija, il-Belarus u l-Armenja) li laħqu ftehim fuq li jużaw l-istess metodoloġija, qegħdin jaħdmu fi skedi ta' żmien differenti. It-Testijiet tal-Istress inbdew fl-2011 permezz ta' awtovalutazzjonijiet

1 Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew EUCO 10/1/11

2 Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit

3 L-NPP ta' Ignalina qiegħda tiġi żarmata

imwettqa mill-operaturi nukleari u t-tħejjija tar-rapporti nazzjonali mir-regolaturi nazzjonali. F'Novembru 2011 ġew ippreżentanti s-sejbiet preliminari f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Rapport tat-Testijiet tal-Istress Interim[4] u minn Jannar sa April 2012 twettaq proċess estensiv ta' evalwazzjoni bejn il-pari mifrux madwar l-UE. Tfassal rapport ġenerali mill-Bord ta' Evalwazzjoni bejn il-Pari tal-ENSREG[5] u dan ġie approvat mill-ENSREG. Minbarra dan, l-ENSREG qabel ukoll fuq Pjan ta' Azzjoni[6] biex isegwi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari. F'Ottubru 2012, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar ir-Rapport Finali tat-Testijiet tal-Istress[7]. Fil-preżent, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-ENSREG, tħejjew Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali[8] assoċjati mal-lezzjonijiet mitgħallma minn wara Fukushima u minn rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni bejn il-pari li ġew riveduti f'termini tal-kontenut u l-istatus tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-Workshop ta' April 2013. Ir-Rapport ta' Sommarju tal-Workshop huwa maħsub li jiġi ppreżentat fit-Tieni Konferenza tal-ENSREG għall-2013 dwar is-Sikurezza Nukleari fl-Ewropa[9]. Barra minn hekk, fil-proċess li jiġi żgurat segwitu xieraq għat-testijiet tal-istress, il-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENSREG sejra telabora rapport konsolidat dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Testijiet tal-Istress, li mistenni jinħareġ f'Ġunju 2014 u jintbagħat lill-Kunsill Ewropew.

Fil-qafas leġiżlattiv, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mandat ċar mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011 "biex tirrevedi l-qafas legali u regolatorju eżistenti għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari" u tipproponi kwalunkwe titjib li jaf ikun meħtieġ.

Il-Parlament Ewropew ħeġġeġ ukoll li jkun hemm reviżjoni leġiżlattiva. Fir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar il-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u lil hinn[10], huwa ddikjara li "huma essenzjali inizjattivi leġiżlattivi futuri biex jitwaqqaf qafas komuni għas-sikurezza nukleari sabiex kontinwament jittejbu l-istandards tas-sikurezza fl-Ewropa". Barra minn hekk, fir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2012[11], il-Parlament sejjaħ għal "reviżjoni urġenti tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari bil-għan li din tiġi msaħħa, b'mod partikolari billi jitqiesu r-riżultati tat-Testijiet tal-Istress implimentanti eżattament wara l-aċċident ta' Fukushima". Aktar reċentement, fir-Riżoluzzjoni tal-2013 dwar it-Testijiet tal-Istress[12], sejjaħ biex ir-reviżjoni tkun waħda "ambizzjuża fin-natura tagħha", li tinkludi titjib kbir f'oqsma bħal dak tal-"oqsma bħall-proċeduri u l-oqsfa ta' sikurezza – b'mod partikolari permezz tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards ta' sikurezza nukleari vinnkolanti li jirriflettu prattiki l-aktar avvanzati fl-UE fl-ambitu tekniku, regolatorju u operattiv – kif ukoll ir-rwol u r-riżorsi tal-awtoritajiet regolatorji nukleari u, b'mod partikolari, għandu jagħti spinta lill-indipendenza, lill-ftuħ u lit-trasparenza ta' dawn l-awtoritajiet, filwaqt li jsaħħaħ il-monitoraġġ u r-rieżami bejn il-pari".

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-Opinjoni Tiegħu dwar il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-2012 dwar Rapport Finali tat-Testijiet tal-Istress[13] esprima l-appoġġ tiegħu

---

4 COM 784 finali

5 Rapport ta' Evalwazzjoni bejn il-Pari – Testijiet tal-Istress fuq l-impjanti nukleari Ewropej www.ensreg.eu

6 Pjan ta' Azzjoni tal-ENSREG dwar is-segwitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari tat-testijiet tal-istress imwettqa fuq l-impjanti nukleari Ewropej

7 COM (2012) 571, 04.10.2012

8 Huma disponibbli 17-il Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali fuq il-websajt tal-ENSREG www.ensreg.eu

9 http://www.ensreg.eu/ensreg-conferences

10 P7_TA(2011)0318

11 P7_TA(2011)0327

12 P7_TA(2013)0089

13 TEN/498

għall-"intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq reviżjoni ambizzjuża tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari".

B'rispons għall-mandat mill-Kunsill Ewropew u s-sejħet mill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, il-Kummissjoni impenjat ruħha fi proċess komprensiv ta' analiżi u ġbir ta' opinjonijiet, biex tidentifika l-oqsma u l-mekkaniżmi xierqa għal intervent leġiżlattiv. Dan il-proċess inkluda konsultazzjoni pubblika online miftuħa (Diċembru 2011 – Frar 2012), li ġiet ikkumplimentata permezz ta' djalogu estensiv mal-partijiet interessati.

Il-Komunikazzjonijiet dwar it-Testijiet tal-Istress tal-2011 u l-2012 fihom indikazzjonjiet dwar l-oqsma potenzjali ta' titjib leġiżlattiv. F'dan il-kuntest, b'referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari[14] (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari"), il-Komunikazzjoni msemmija l-aħħar tenfasizza l-oqsma tal-proċeduri u l-oqfsa tas-sikurezza, ir-rwol u l-mezzi tal-awtoritajiet regolatorji nukleari, il-ftuħ u t-trasparenza, is-sorveljanza u l-verifika.

Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni matul l-2012, żviluppaw Valutazzjoni tal-Impatt, ibbażata fuq firxa wiesgħa ta' sorsi ta' informazzjoni u li tqis l-iżviluppi internazzjonali u tal-UE ta' wara Fukushima fil-qasam nukleari.

Abbażi ta' dan, ġie żviluppat abbozz ta' proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari, li tibbenefika mill-kontribut u l-għarfien espert tal-Grupp ta' esperti xjentifiċi tal-Artikolu 31 tat-Trattat tal-Eurotom, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, kif ukoll proċess ta' konsultazzjoni estensiv mar-rappreżentanti ta' livell għoli tal-awtoritajiet regolatorji nukleari nazzjonali miġbura flimkien mill-ġdid fl-ENSREG.

1.2. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Direttiva attwali dwar is-Sikurezza Nukleari kienet avvanz ewlieni. Madankollu, fl-ispirtu tal-filosofija tas-sikurezza nukleari ta' titjib kontinwu, u b'hekk bl-intenzjoni li *inter alia* jitqiesu l-lezzjonijiet mitgħallma mill-aċċident nukleari ta' Fukushima u l-eżiti tat-Testijiet tal-Istress sussegwenti, kienet meħtieġa li tiġi kkunsidrata mill-ġdid is-suffiċjenza tad-dispożizzjonijiet eżistenti.

L-aċċident nukleari ta' Fukushima wera li l-lezzjonijiet magħrufa sew mitgħallma minn aċċidenti li seħħew deċennji ilu ma ttieħdux b'mod volontarju minn partijiet tal-industrija u ma ġewx infurzati b'mod suffiċjenti mir-regolaturi, anki f'nazzjon bħall-Ġappun li wieħed kien jassumi li għandu standards ta' sikurezza industrijali u nukleari għoljin. Il-kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi li joħorġu mill-analiżi ta' dan l-aċċident huma għalhekk rilevanti għal kunsiderazzjoni usa'.

Fl-Ewropa, it-Testijiet tal-Istress ikkonfermaw li hemm differenzi kontinwi bejn l-Istati Membri fl-iżgurar ta' identifikazzjoni u ġestjoni komprensiva u trasparenti ta' kwistjonijiet tas-sikurezza ewlenin. Barra minn hekk, it-Testijiet tal-Istress urew biċ-ċar il-benefiċċji ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-partijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet għas-sikurezza nukleari, bħall-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

Barra minn hekk, waqt il--laqgħat pubbliċi organizzati fil-qafas tat-Testijiet tal-Istress, kien hemm talbiet biex il-valutazzjoni tiġi estiża għat-tħejjija għall-emerġenzi u l-arranġamenti ta' rispons.

[14] ĠU L 172, 2.7.2009

Għalhekk, il-Kummissjoni tqis xieraq li temenda, issaħħaħ u tissupplimenta d-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari, billi tgħaqqad flimkien it-titjib tekniku ma' kwistjonijiet tas-sikurezza usa' bħat-tmexxija, it-trasparenza, u t-tħejjija u r-rispons fuq il-post.

L-emendi proposti għandhom l-għan li jsaħħu l-qafas regolatorju għas-sikurezza nukleari fl-UE, b'mod partikolari billi:

– Jissaħħaħ ir-rwol u tissaħħaħ l-indipendenza effettiva tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali;

– Tittejjeb it-trasparenza fi kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza nukleari;

– Jissaħħu l-prinċipji eżistenti, u jiġu introdotti għanijiet u rekwiżiti ġenerali ġodda marbuta mas-sikurezza nukleari, jiġu indirizzati kwistjonijiet tekniċi speċifiċi matul iċ-ċiklu ta' ħajja kollu tal-installazzjonijiet nukleari, b'mod partikolari l-NPPs;

– Jiġu rinforzati s-sorveljanza u l-iskambju ta' esperjenzi, billi tiġi stabbilita sistema Ewropea ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari;

– Jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-iżvilupp ta' linji gwida armonizzati dwar is-sikurezza nukleari mifruxa madwar l-UE.

1.3. Leġiżlazzjoni Eżistenti tal-UE fil-qasam tas-Sikurezza nukleari

Wara r-rikonoxximent mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Każ 29/99[15] tar-rabta intrinsika bejn il-protezzjoni mir-radjazzjoni u s-sikurezza nukleari u, b'hekk, tal-kompetenza tal-Komunità Euratom biex tilleġiżla fil-qasam tas-sikurezza nukleari, id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari hija l-ewwel strument topiku legalment vinkolanti għall-UE kollha[16]. Id-Direttiva tistabbilixxi qafas legali vinkolanti bbażat fuq prinċipji u obbligi rikonoxxuti tal-istrumenti prinċipali internazzjonali disponibbli, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari[17] u l-Fundamentali tas-Sikurezza[18] stabbiliti permezz tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA).

1.4. Konsistenza ma' oqsma politiċi oħra

Il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza nukleari tal-Eurotom, minħabba l-fatt li finalment l-għan tagħha huwa li tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra d-dannu tar-radjazzjoni jonizzanti, hija prinċipalment marbuta mal-korpus tal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni tal-Eurotam, li l-pilastru ewlieni tiegħu hija d-Direttiva dwar l-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza[19]. Mhuwiex possibbli li tintlaħaq il-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali mill-perikli tar-radjazzjoni jonizzanti mingħajr ma jiġu kkontrollati s-sorsi ta' ħsara potenzjali ta' dik ir-radjazzjoni.

Is-sikurezza nukleari hija ta' importanza kbira għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons ġenerali għad-diżastri fl-Istati Membri. B'hekk id-direttiva dwar is-sikurezza nukleari hija marbuta mill-qrib mal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni[20] li jipprovdi l-qafas

---

[15] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 2002 [2002] ECR I-11221

[16] Qabel kienu jeżistu biss żewġ Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill legalment mhux vinkolanti tat 22 ta' Lulju 1975 u t-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-problemi teknoloġiċi tas-sikurezza nukleari

[17] INFCIRC/449 tal-5 ta' Lulju 1994

[18] Serje Standard tas-Sikurezza tal-IAEA SF-1 (2006)

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti

[20] Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni (COM/2011/934 finali), li *inter alia* għandha l-intenzjoni li tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779 tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid).

għall-kooperazzjoni tal-UE f'dan il-qasam, inkluż ir-rispons għall-emerġenzi radjoloġiċi ġewwa u barra l-Unjoni.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Fil-perjodu ta' wara l-aċċident nukleari ta' Fukushima, il-Kummissjoni involviet ruħha fi djalogu estensiv u trasparenti mad-diversi partijiet interessati u l-pubbliku, li kien jinkludi t-tnedija ta' konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet, f'konformità mal-istandards minimi ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni[21].

B'rispons għall-konsultazzjoni pubblika fuq l-internet li tfittex l-opinjonijiet dwar oqsma ta' rinfurzar tal-qafas leġiżlattiv eżistenti tas-sikurezza nukleari tal-Euratom, waslu kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet regolatorji nukleari, awtoritajiet pubbliċi oħra, kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, kif ukoll individwi. Din il-konsultazzjoni toffri għarfien dwar firxa wiesgħa ta' opinjonijiet tal-partijiet interessati. Ir-riżultat ġenerali juri li aktar minn 90 % ta' dawk li wieġbu jaqblu fuq l-importanza ta' qafas ta' sikurezza nukleari tal-Euratom, li jistabbilixxi regoli komuni għall-Istati Membri tal-UE, filwaqt li 76 % jaqblu fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ il-qafas leġiżlattiv eżistenti tas-sikurezza.

Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kemm kontribuzzjonijiet bil-miktub kif ukoll oħrajn ibbażati fuq il-laqgħat minn diversi partijiet interessati, eż. awtoritajiet regolatorji nukleari, awtoritajiet pubbliċi oħra, kumpaniji individwali, assoċjazzjonijiet industrijali u organizzazzjonijiet mhux governattivi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni flimkien mal-ENSREG organizzat konferenzi u dibattiti pubbliċi li jinvolvu firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi, fuq il-proċess, ir-riżultati intermedji u dawk finali tat-Testijiet tal-Istress[22].

L-imsieħba soċjali Ewropej mill-industrija tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali Settorjali dwar l-Elettriku ġew ikkonsultati wkoll. Fit-tweġiba tagħhom, l-imsieħba soċjali jenfasizzaw l-irwol tal-qafas leġiżlattiv dwar is-sikurezza nukleari tal-Euratom fl-istabbiliment ta' regoli komuni għall-Istati Membri.

Ingħata rwol speċjali lill-ENSREG, li jirrappreżenta punt fokali uniku ta' għarfien espert, peress li jlaqqa' flimkien lil rappreżentanti ta' livell għoli tal-awtoritajiet regolatorji nukleari nazzjonali mill-Istati Membri kollha tal-UE, kemm nukleari kif ukoll mhux nukleari. Waslet u tqieset kontribuzzjoni ddettaljata mill-ENSREG.

Bħala parti mill-proċedura stabbilita fit-Trattat Euratom, il-Kummissjoni kkonsultat il-Grupp ta' esperti xjentifiċi tal-Artikolu 31. Fl-opinjoni tagħhom, l-esperti laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi emendata d-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari u għamlu diversi suġġerimenti biex tissaħħaħ ir-rabta mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Finalment, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC), fl-Opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-proposta maħruġ skont l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom[23], japprezza l-azzjoni

[21] COM(2002) 704 finali

[22] Pereżempju, l-ewwel Konferenza ENSREG fit-28-29 ta' Ġunju 2011, Konferenza tal-Partijiet Interessanti fis-17 ta' Jannar 2012, Dibattitu Pubbliku u Riżultati tal-Evalwazzjonijiet bejn il-Pari fit-8 ta' Mejju 2012 It-tieni Konferenza ENSREG hija skedata għal Ġunju 2013. eż Qafas Governattiv, Legali u Regolatorju għas-Sikurezza, Rekwiżiti tas-sikurezza ġenerali –Standards tas-sikurezza tal-IAEA numru tas-serje.

[23] L-Opinjoni tal-EESC (TEN/529) tat-2 ta' Settembru 2013 dwar l-Abbozz tal-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/71/EURATOM li tistabbilixxi Qafas tal-Komunità għas-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari.

f'waqtha li ttieħdet mill-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem il-proposta għal emenda tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari. Il-Kumitat jinsab kuntent li diversi kwistjonijiet li ngħataw attenzjoni fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sikurezza nukleari ġew indirizzati f'din il-proposta. B'mod partikolari, japprezza l-approċċ iktar b'saħħtu lejn l-armonizzazzjoni fost l-istati membri, l-iċċarar tar-responsabbiltajiet regolatorji, il-kompetenza u l-kapaċità, l-indipendenza mtejba tar-regolaturi nazzjonali, u l-azzjoni fit-tħejjija u r-rispons waqt emerġenza fuq is-sit. Il-Kumitat ifaħħar ukoll l-approċċ imsaħħaħ tat-trasparenza globali. Hemm bżonn li r-rekwiżiti leġiżlattivi ġodda jingħataw importanza, ikunu proporzjonati u jservu l-iskop li jassiguraw is-sikurezza pubblika, b'hekk il-Kumitat jilqa' l-bilanċ li jixraq li nkiseb f'dik il-perspettiva fid-Direttiva ta' emenda.

Il-Kumitat ippropona li jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-proposta f'xi oqsma u rrakkomanda li l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li jidħol fis-seħħ proċess parteċipattiv għat-tisħiħ tal-involviment tal-pubbliku fl-ippjanar, ir-reviżjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni temmen li r-rwol tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet regolatorji jiġi rikonoxxut permezz tar-rekwiżit tal-proposta li jiġi effettivament involut matul il-proċess tal-liċenzjar tal-installazzjonijiet nukleari.

Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, il-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-abbozz tal-proposta kien prerekwiżit għall-adozzjoni sussegwenti tal-proposta finali tal-Kummissjoni.

2.2. Valutazzjoni tal-impatt

Fl-2012, ġiet żviluppata Valutazzjoni tal-Impatt. Id-dokument janalizza l-isfidi li jiġu żgurati livelli suffiċjenti ta' sikurezza nukleari fl-UE. Tiddefinixxi l-għanijiet ġenerali u speċifiċi għat-tisħiħ tal-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-aċċidenti nukleari. Huma proposti u analizzati għadd ta' għażliet politiċi, li jvarjaw miż-żamma tas-sitwazzjoni attwali għal riformi aktar profondi. Kull għażla ġiet ivvalutata skont l-impatti tas-sikurezza, ekonomiċi, ambjentali u soċjali stmati tagħha.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi Legali

Kwalunkwe emenda leġiżlattiva għandha tkun mibnija fuq l-approċċ tad-Direttiva attwali dwar is-Sikurezza Nukleari u ssaħħaħha. Għalhekk, l-Artikoli 31 u 32 jibqgħu l-bażi legali tat-Trattat Euratom.

3.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità

Il-proposta għandha l-għan li tkompli ssaħħaħ l-irwol u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti, peress li jidher biċ-ċar li l-operat tajjeb tal-impjanti nukleari fl-UE jista' jista' jiġi ssorveljat u żgurat biss permezz ta' regolaturi b'saħħithom li huma mogħnija bis-setgħat kollha meħtieġa u bil-garanziji ta' indipendenza. Hija mħeġġa kemm il-kooperazzjoni mill-qrib kif ukoll il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn ir-regolaturi, filwaqt li jitqiesu l-impatti transkonfinali potenzjali ta' aċċident nukleari.

Fid-dawl tal-konsegwenzi wiesgħa ta' aċċidenti nukleari u b'mod partikolari l-bżonn tal-pubbliku għal informazzjoni f'każ bħal dan, huwa essenzjali approċċ mifrux madwar l-UE fuq kwistjonijiet marbuta mat-trasparenza. Dan jista' jiżgura li, irrispettivament mill-konfini tal-istat, il-pubbliku jkun infurmat kif xieraq fuq kull kwistjoni rilevanti marbuta mas-sikurezza nukleari. Id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva huma emendati f'dan is-sens.

Fl-Ewropa, it-Testijiet tal-Istress ikkonfermaw li mhux biss hemm differenzi kontinwi bejn l-Istati Membri tal-UE fl-iżgurar ta' identifikazzjoni u ġestjoni komprensiva u trasparenti ta'

kwistjonijiet tas-sikurezza ewlenin, iżda li għad baqa' wkoll xi lakuni. Għalhekk, id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari hija msaħħa biex tinkludi sett ta' għanijiet kondiviżi li għandhom l-għan li jarmonizzaw l-approċċ tal-UE lejn is-sikurezza nukleari. Barra minn hekk, l-esperjenza mill-aċċident nukleari ta' Fukushima u l-għarfien siewi li jirriżulta mit-Testijiet tal-Istress urew b'mod ċar li l-iskambju ta' informazzjoni u l-evalwazzjonijiet bejn il-pari huma element essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u kontinwa ta' kwalunkwe reġim ta' sikurezza.

F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-azzjoni leġiżlattiva proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet. Barra minn hekk, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri, huwa ddefinit approċċ flessibbli u proprozjonat fir-rigward tal-livell ta' applikabbilità. Huwa ddefinit mekkaniżmu ta' żvilupp konġunt mill-Istati Membri tal-linji gwida tekniċi fil-livell tal-UE b'kunsiderazzjoni speċjali tal-prinċipju ta' proporzjonalita, billi tintuża l-esperjenza prattika u l-għarfien ta' esperti regolatorji.

L-applikabbiltà u l-firxa tad-dispożizzjonijiet tal-proposta jvarjaw skont it-tip ta' installazzjoni nukleari. Għalhekk, meta jiġu implimentati dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istati Membri għandhom isegwu approċċ proporzjonat, filwaqt li jitqiesu r-riskji mit-tipi speċifiċi ta' installazzjonijiet nukleari.

3.3. Elementi legali tal-proposta

Il-proposta tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda jew issaħħaħ dawk eżistenti li għandhom x'jaqsmu mid-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari bil-għan ġenerali li tittejjeb is-sikurezza nukleari u r-regolamentazzjoni tagħha fuq il-livell tal-UE. Hawn taħt qiegħda tiġi ppreżentata informazzjoni speċifika dwar l-emendi ewlenin proposti tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari.

Objettivi

L-Artikolu 1 huwa kkumplimentat b'objettiv ġdid li jimmira li jiżgura l-evitar ta' rilaxxi radjuattivi matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-instazzjonijiet nukleari (lokazzjoni, disinn, kostruzzjoni, armar, tħaddim, żarmar).

Definizzjonijiet

Fl-Artikolu 3, ġew introdotti definizzjonijiet ġodda li jikkorrispondu għat-termini użati fid-dispożizzjonijiet il-ġodda, bħal "aċċident", "avveniment mhux normali", "bażi tad-disinn", "aċċident tal-bażi tad-disinn", "aċċident lil hinn mill--bażi tad-disinn", "reviżjoni perjodika tas-sikurezza". Dawn id-definizzjonijiet huma allinjati mat-terminoloġija internazzjonali, bħall-Glossarju tas-Sikurezza tal-IAEA.

Qafas leġiżlattiv, regolatorju u organizzattiv

L-Artikolu 4 huwa emendat sabiex jiċċara ulterjorment l-elementi ewlenin tal-qafas nazzjonali. Pereżempju, huwa speċifikat li r-rekwiżiti nazzjonali tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 4(1)(a) għandhom ikopru l-istadji kollha taċ-ċiklu ta' ħajja tal-installazzjonijiet nukleari.

Awtorità regolatorja kompetenti (indipendenza effettiva, rwol regolatorju)

Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari fiha biss dispożizzjonijiet minimi li jenfasizzaw l-indipendenza tal-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fl-Artikolu 5(2). Dawn id-dispożizzjonijiet huma msaħħa f'konformità mal-aħħar gwida internazzjonali[24], billi jiġu ddefiniti kriterji ta' valutazzjoni komparattiva b'saħħithom u effettivi u rekwiżiti biex tiġi

[24] GSR parti 1

ggarantita l-indipendenza effettiva tar-regolaturi. Rekwiżiti ġodda jinkludu li tiġi żgurata l-indipendenza effettiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet, allokazzjonijiet xierqa tal-baġit u awtonomija fl-implimentazzjoni, rekwiżiti ċari għall-ħatra u t-tkeċċija tal-persunal, l-evitar u s-soluzzjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-livelli ta' persunal bil-kwalifiki, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa.

Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari telenka b'mod ġenerali l-kompetenzi ewlenin tal-awtorità regolatorja kompetenti fl-Artikolu 5(2). Permezz tal-emenda, dawn id-dispożizzjonijiet huma ddettaljati ulterjorment biex jiġi żgurat li r-regolaturi jkollhom is-setgħat xierqa biex iwettqu sorveljanza regolatorja b'saħħitha. Għal dan il-għan, huwa miżjud il-kompitu ewlieni tal-awtorità regolatorja kompetenti biex jiġu ddefiniti r-rekwiżiti nazzjonali dwar is-sikurezza nukleari mal-katalogu eżistenti tal-kompetenzi regolatorji.

Transparenza

Id-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari huma limitati għar-rekwiżiti ġeneriċi dwar l-informazzjoni pubblika. Barra minn hekk, dan l-Artikolu ma jimponix xi obbligu fuq id-detentur tal-liċenzja, li għandu r-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza nukleari. Biex jimtlew dawn il-lakuni, fl-emenda proposta, id-dispożizzjonijiet eżistenti huma estiżi u speċifikati. Għalhekk, kemm l-awtorità regolatorja kompetenti kif ukoll id-detentur tal-liċenzja huma meħtieġa li jiżviluppaw strateġija dwar it-trasparenza, li tkopri dispożizzjoni dwar l-informazzjoni taħt kundizzjonijiet operattivi normali tal-installazzjonijiet nukleari kif ukoll il-komunikazzjoni fil-każ ta' aċċident jew kundizzjonijiet ta' avveniment anormali. L-irwol tal-pubbliku huwa rrikonoxxut b'mod sħiħ permezz tar-rekwiżit li jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċess ta' liċenzjar tal-installazzjonijiet nukleari. L-iskambji organizzati dan l-aħħar mal-esperti[25] fil-qasam ikkonfermaw li l-pubbliku għandu rwol importanti ħafna billi jiġi involut b'mod effettiv fil-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-opinjonijiet tal-pubbliku għandhom jitqiesu, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus[26].

Objettivi tas-Sikurezza Nukleari

Id-Direttiva attwali dwar is-Sikurezza Nukleari ma tinkludix rekwiżiti speċifiċi għall-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari. Għalhekk, pereżempju t-tip ta' riskji relatati mal-kwistjonijiet identifikati fl-analiżi tal-aċċident ta' Fukushima u t-Testijiet tal-Istress sussegwenti mhumiex identifikati u indirizzati mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva attwali, eż.:

- Il-ħtieġa li tiġi evalwata l-adegwatezza tal-lokalizzazzjoni tal-installazzjonijiet nukleari abbażi ta' kunsiderazzjonijiet dwar kif, fejn ikun possibbli jiġi pprevenut u mnaqqas l-impatt tal-perikli esterni;
- Il-ħtieġa li kontinwament tiġi vvalutata l-probabbiltà ta' tali perikli u l-impatti tagħhom fil-kors ta' reviżjonijiet perjodiċi tas-sikurezza u titwettaq reviżjoni tal-bażi tad-disinn korrispondenti għal kull installazzjoni nukleari, inkluż għall-fini ta' estensjoni possibbli tal-ħajja utli;

25 Serje ta' workshops internazzjonali bejn l-2009-2013 bil-parteċipazzjoni tad-DĠ ENER, id-DĠ ENV min-naħa tal-Kummissjoni u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Kumitati u l-Kummissjoni tal-Informazzjoni - Franċiża "Kummissjonijiet Lokali tal-Informazzjoni" (CLIs) u l-federazzjoni nazzjonali tagħhom (ANCCLI)

26 Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fil-kwistjonijiet ambjentali, ratifikata fis-17 ta' Frar 2005 mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE

- Il-ħtieġa li l-valutazzjonijiet tar-riskju, inklużi dawk għall-avvenimenti esterni, jiġu bbażati fuq metodi li jirriflettu progress fl-iżvilupp xjentifiku u b'hekk jippermettu titjib kontinwu effettiv tas-sikurezza.

B'mod konformi mal-prinċipju ta' titjib kontinwu tas-Sikurezza Nukleari, l-emenda tintroduċi objettivi ġenerali tas-sikurezza għal installazzjonijiet nukleari (Artikolu 8a) li jirriflettu l-progress miksub fil-livell ta' WENRA fl-iżvilupp ta' objettivi tas-sikurezza għal NPPs ġodda.

Għall-ilħuq ta' dawn l-objettivi tas-sikurezza ta' livell għoli, hemm stabbilit dispożizzjonijiet aktar dettaljati għal fażijiet ta' ċiklu tal-ħajja differenti ta' installazzjonijiet nukleari (Artikolu 8b).

Barra minn hekk, sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni konsistenti tagħhom, fl-Artikolu 8c ġew stabbiliti rekwiżiti metodoloġiċi dwar il-lokazzjoni, id-disinn, il-kostruzzjoni, it-tħaddim u t-twaqqif mill-użu tal-installazzjonijiet nukleari.

Dan l-approċċ jipprovdi flessibilità għall-oqfsa nazzjonali, billi jassenja objettivi ta' livell għoli li għandhom jiġu sodisfatti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod konformi mal-prinċipju ta' titjib kontinwu tas-sikurezza nukleari. Pereżempju, dan iħalli f'idejn l-Istati Membri l-għażla li jagħżlu fost is-soluzzjonijiet tal-inġinerija disponibbli sabiex jaġġornaw l-installazzjonijiet nukleari tagħhom meta jindirizzaw kwistjonijiet tas-sikurezza bbażati fuq lezzjonijiet mitgħallma minn aċċidenti serji, bħall-ħtieġa li tippermettu t-tbaxxija sikura tal-pressjoni fl-istruttura ta' konteniment tar-reattur fil-każ ta' aċċident (eż. permezz ta' sistemi ta' ventilazzjoni ffiltrata tal-istruttura ta' konteniment).

Stat ta' tħejjija u rispons għal emerġenza

L-emenda tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-istat ta' tħejjija u rispons fil-każ ta' emerġenza fuq is-sit minħabba li d-Direttiva attwali ma tipprovdix għal miżuri bħal dawn. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda jinkludu indikazzjonijiet fuq il-miżuri ta' ppjanar u organizzazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mid-detentur tal-liċenzja (Artikolu 8d). Bħala eżempju tar-rekwiżiti l-ġodda, l-emenda tistabbilixxi li hemm bżonn ta' ċentru ta' rispons f'każ ta' emerġenza fuq is-sit għal installazzjoni nukleari, li jkun protett biżżejjed kontra l-effetti minn avvenimenti esterni u aċċidenti severi, inkluż dawk radjoloġiċi u li għandu jkun mgħammar bil-materjal neċessarju sabiex itaffi l-effetti ta' aċċidenti severi.

Reviżjonijiet Bejn il-Pari

Id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari tal-Artikolu 9(3) jinkludu rekwiżit għal awtovalutazzjoni perjodika tal-qafas nazzjonali tal-Istati Membri u awtoritajiet regolatorji kompetenti, flimkien mal-obbligu li jistiednu reviżjoni bejn il-pari internazzjonali fuq aspetti rilevanti. Dan il-kunċett jibqa' mhux mibdul fil-proposta, fl-Artikolu 8e(1).

L-emenda tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda dwar l-awtovalutazzjonijiet u reviżjonijiet bejn il-pari ta' installazzjonijiet nukleari bbażati fuq temi tas-sikurezza nazzjonali magħżula mill-Istati Membri b'mod konġunt u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-installazzjonijiet nukleari (eżempju jista' jkun it-tbaxxija tal-pressjoni fl-istruttura ta' konteniment tar-reattur kif imsemmi fuq fil-każ ta' aċċident serju sabiex tiġi evitata splużjoni bl-idroġenu). Jekk l-Istati Membri jonqsu li jagħżlu b'mod konġunt għallinqas tema waħda, il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħżel it-temi li għandhom ikunu s-suġġett tar-reviżjonijiet bejn il-pari. Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jiddefinixxi metodoloġija għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi mill-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari. Jekk il-Kummissjoni tidentifika devjazzjonijiet jew dewmien sostanzjali fl-implimentazjoni tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi mill-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti tal-Istati Membri mhux

ikkonċernati sabiex jorganizzaw u jwettqu missjoni ta' verifika sabiex jiksbu stampa sħiħa tas-sitwazzjoni u jinformaw lill-Istat Membru kkonċernat bil-miżuri possibbli sabiex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe nuqqas identifikat.

Fil-każ ta' aċċident b'konsegwenzi lil hinn mis-sit, għandha tiġi organizzata reviżjoni speċjali bejn il-pari.

Dan il-mekkaniżmu ġdid obbligatorju u regolari tar-reviżjonijet bejn il-pari tal-UE (Artikoli 8e(2) sa (5)) jimmira li jivverifika l-livell ta' konformità teknika mal-objettivi tas-sikurezza f'kull Stat Membru.

Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda li jistabbilixxu l-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni bejn il-pari huma mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' ksur f'każ li Stat Membru jonqos milli jissodisfa obbligu skont it-Trattati, kif stabbilit fl-Artikoli 258, 259 u 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU).

Implimentazzjoni proporzjonata tad-Direttiva emendata

L-emenda tagħraf li l-applikabilità u l-firxa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva emendata jvarjaw skont it-tip tal-installazzjoni nukleari. Għaldaqstant, meta jkunu qegħdin jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istati Membri għandu isegwu approċċ proporzjonat, filwaqt li jqisu r-riskji maħluqa mit-tipi speċifiċi tal-installazzjonijiet nukleari li huma jippjanaw jew li jħaddmu.

Rapportar dwar implimentazzjoni prattika tad-Direttiva emendata

Id-dispożizzzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari dwar ir-rapportar mhumiex mibdula minn din il-proposta, u jħallu d-data għall-ewwel rapportar fit-22 ta' Lulju 2014, li fiha l-Istati Membri huma mistennija li jissottomettu rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva. Madankollu, fil-ħin tat-tieni rapportar dwar l-implimentazzjoni, sat-22 ta' Lulju 2017, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari kif emendata b'din il-proposta.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni baġitarja għall-baġit tal-UE.

5. DOKUMENTI TA' SPJEGA

Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjega tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri bdew jakkompanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjega r-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.

Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tqis li t-trasmissjoni ta' dokumenti bħal dawn hija ġġustifikata għar-raġunijiet li ġejjin:

- **Il-kumplessità tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari emendata fuq livell nazzjonali**

Id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari huma msaħħa b'mod sinifikanti b'din il-proposta li tintroduċi wkoll dispożizzjonijiet sostanzjali ġodda f'bosta oqsma. Il-kumplessità tat-traspożizzjoni tad-direttiva emendata hija għaldaqstant determinata mill-fatt li tkopri bosta kwistjonijiet differenti, inkluż rekwiżiti fuq qafas nazzjonali għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari, l-irwol u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-obbligi tad-detenturi tal-liċenzji, il-ħiliet fis-sikurezza nazzjonali, it-

trasparenza fi kwistjonijiet tas-sikurezza nukleari, objettivi tekniċi u rekwiżiti dwar is-sikurezza nukleari tal-installazzjoni nukleari, it-tħejjija u r-rispons fuq is-sit fil-każ ta' emerġenza u dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet nazzjonali tal-installazzjonijiet nukleari u reviżjonijiet bejn il-pari topiċi relatati. Barra minn hekk, id-Direttiva tpoġġi rekwiżiti fuq korpi differenti tal-Istati Membri kif ukoll fuq atturi privati.

L-obbligi differenti inerenti għad-direttiva emendata huma għaldaqstant probabbli li jwasslu għal traspożizzjoni kumplessa fuq livell nazzjonali. Id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari diġà ġew trasposti b'mod ġenerali permezz ta' bosta miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali minn kull Stat Membru, madankollu, f'xi każijiet, in-numru qiegħed jaqbeż il-15-il miżura ta' traspożizzjoni. Leġittimament, wieħed jista' jistenna li n-numru ta' miżuri ta' traspożizzjoni nnotifikati sejjer jiżdied, bid-dispożizzjonijiet il-ġodda miġjuba fid-direttiva eżistenti minn din il-proposta. Barra minn hekk, minħabba l-ispeċifiċità tas-sikurezza nukleari, jintużaw u jiġu nnotifikati diversi miżuri ta' traspożizzjoni lill-Kummissjoni, li jvarjaw minn liġijiet, digrieti tal-gvern u ordnijiet ministerjali għal struzzjonijiet u deċiżjonijiet ta' awtoritajiet regolatorji nukleari nazzjonali.

Il-ħtieġa għal dokumenti ta' spjega li jispjegaw ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari emendata u l-partijiet korrespondenti ta' miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tidher li hija ovvja f'dawn iċ-ċirkostanzi.

- **Leġiżlazzjoni nazzjonali pre-eżistenti**

F'xi Stati Membri, diġà hemm fis-seħħ xi leġiżlazzjoni fil-qasam tal-emendi ta' din il-proposta. It-traspożizzjoni tad-Direttiva emendata hija għaldaqstant probabbli li tirriżulta f'kombinazzjoni ta' emendi għal leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti u adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida. F'sitwazzjoni bħal din, id-dokumenti ta' spjega jkunu meħtieġa sabiex tinkiseb stampa ċara u komprensiva tat-traspożizzjoni.

- **Direttiva Qafas**

L-emendi proposti ma jibdlux b'mod fundamentali l-karattru ta' 'qafas' tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari. Id-direttiva emendata tibqa' tinkludi prinċipji u rekwiżiti ġenerali.

Huwa importanti għall-Kummissjoni, u għall-monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni, li tkun taf liema dispożizzjonijiet nazzjonali jittrasponu l-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali stabbiliti mid-direttiva emendata. Pereżempju, il-proposta tintroduċi objettivi u rekwiżiti ġeneralitas-sikurezza għat-tipi kollha ta' installazzjonijiet nukleari. Minħabba l-ambitu wiesa' ħafna ta' dawn l-objettivi u rekwiżiti ġodda tas-sikurezza, huwa ta' importanza kbira għall-Kummissjoni, iżda wkoll għall-pubbliku li jiġi aċċertat kif dawn jiġu trasposti fuq livell nazzjonali.

IL-PRINĊIPJI TAL-PROPORZJONALITÀ

Ir-rekwiżit li jiġu pprovduti dokumenti ta' spjega jista' joħloq piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri. Madankollu, dan il-piż mhuwiex sproporzjonat meta wieħed iqis l-objettivi tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari emendata u l-kumplessità tal-materja tas-suġġett tagħha. Barra minn hekk, huwa neċessarju għall-Kummissjoni li tħalli verifika effettiva tat-traspożizzjoni korretta. Ma hemmx miżuri ta' inqas piż sabiex tkun tista' ssir verifika effiċjenti, meta wieħed iqis il-kumplessità probabbli tat-traspożizzjoni fil-livell nazzjonali li tista' tirriżulta f'leġislazzjoni ġdida jew emendata. Għandu jingħad ukoll li numru rilevanti ta' Stati Membri diġà qegħdin jinnotifikaw dokumenti ta' spjega utli lill-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni tagħhom tal-leġiżlazzjoni Euratom eżistenti bħad-Direttiva eżistenti dwar is-Sikurezza Nukleari jew atti leġiżlattivi oħra.

2013/0340 (NLE)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2009/71/EURATOM li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-Sikurezza Nukleari ta' installazzjonijiet nukleari

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija Atomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara li ttieħdet l-opinjoni ta' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost l-esperti xjentifiċi fl-Istati Membri,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) L-Artikolu 2(b) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija Atomika Ewropea ('It-Trattat Euratom') jipprovdi għall-istabbiliment ta' standards uniformi ta' sikurezza għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali.

(2) L-Artikolu 30 tat-Trattat Euratom jipprevedi għall-istabbiliment ta' standards bażiċi fil-Komunità tal-Enerġija Atomika Ewropea ('il-Komunità') għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti[1] tistabbilixxi l-istandards bażiċi tas-sikurezza. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti għal sistema ta' protezzjoni kontra r-radjazzjoni li jinkludu l-ġustifikazzjoni u l-ottimizzazzjoni ta' espożizzjonijiet għar-radjazzjoni u limitazzjonijiet tad-dożi għall-espożizzjoni tal-pubbliku u tal-ħaddiema. Hija tispeċifika r-rekwiżiti għall-kontroll tal-espożizzjonijiet għar-radjazzjoni għall-pubbliku u għall-ħaddiema kemm taħt sitwazzjonijiet normali ta' ħidma kif ukoll waqt sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/29/Euratom ġew issupplimentati minn leġiżlazzjoni aktar speċifika.

(4) Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet fil-każistika[2] tagħha li l-Komunità taqsam il-kompetenzi, flimkien mal-Istati Membri tagħha, f'oqsma koperti mill-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari[3].

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-Sikurezza Nukleari ta' installazzjonijiet nukleari[4] timponi obbligi fuq l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jżommu qafas nazzjonali għas-sikurezza

[1] ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.
[2] C-187/87 (1988 ECR p. 5013), C-376/90 (1992 ECR I-6153) u C-29/99 (2002 ECR I-11221).
[3] ĠU L 172, 6.5.2004, p. 7.
[4] ĠU L 172, 2.7.2009. p. 18.

nukleari. Din id-Direttiva tirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti internazzjonali ewlenin fil-qasam, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari[5] u l-Prinċipji Fundamentali tas-Sikurezza[6] stabbiliti mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika ('IAEA'). L-iskadenza sabiex l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ u jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri nazzjonali ta' konformità mad-Direttiva 2009/71/Euratom għalqet fit-22 ta' Lulju 2011.

(6) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sigura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv[7] timponi obbligi fuq l-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jżommu qafas nazzjonali għall-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv.

(7) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2007 dwar is-sikurezza nukleari u l-ġestjoni sikura tal-fjuwil nukleari użat u l-iskart radjuattiv[8] aċċennaw li s-"sikurezza nukleari hija responabbiltà nazzjonali eżerċitata fejn jixraq fi ħdan qafas tal-UE. Id-deċiżjonijiet dwar l-azzjonijiet tas-sikurezza u s-superviżjoni tal-installazzjonijiet nukleari jibqgħu r-responsabbiltà tal-operaturi u l-awtoritajiet nazzjonali biss".

(8) B'segwitu għall-istedina tal-Kunsill sabiex jistabblixxi Grupp ta' Livell Għoli fil-livell tal-UE, kif irreġistrat fil-Konklużjonijiet tiegħu imsemmija hawn fuq tat-8 ta' Mejju 2007, il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej fil-qasam tas-Sikurezza Nazzjonali (ENSREG) kien stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/530/Euratom tas-17 ta' Lulju 2007 dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Ġestjoni tal-Iskart[9] sabiex jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tas-sikurezza nukleari.

(9) L-aċċident nukleari ta' Fukushima fil-Ġappun fl-2011 ġedded l-attenzjoni dinjija fuq il-miżuri meħtieġa għat-tnaqqis tar-riskju u sabiex jiġu assigurati l-aħjar livelli ta' sikurezza nukleari. Abbażi tal-mandat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011[10], il-Kummissjoni, flimkien mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari ('ENSREG'), għamlet valutazzjonijiet komprensivi madwar l-Unjoni dwar ir-riskju u s-sikurezza ta' impjanti tal-enerġija nukleari ('stress tests'). Ir-riżultati identifikaw għadd ta' titjib li jista' jiġi implimentat f'approċċi ta' sikurezza nukleari u prattiki industrijali fil-pajjiżi parteċipanti[11].

(10) Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew ta wkoll mandat lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-qafas legali u regolatorju eżistenti għas-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari u sabiex tipproponi kwalunkwe titjib li jista' jkun meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew enfasizza wkoll li l-ogħla standards għas-sikurezza nazzjonali għandhom ikunu implimentati u mtejba kontinwament fl-UE.

(11) Il-Kummissjoni inkludiet opinjonijiet inizjali dwar oqsma potenzjali ta' titjib leġiżlattiv fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Rapport Interim fuq il-Valutazzjonijiet

---

5 ĠU L 318, 11.12.1999, p. 20.

6 Prinċipji Fundamentali tas-Sikurezza tal-IAEA: Prinċipji fundamentali tas-sikurezza, Serje ta' Standards tas-Sigurtà tal-IAEA Nru SF-1 (2006).

7 ĠU L 199, 2.8.2011. p. 48.

8 Adottati mill-COREPER fil-25 ta' April 2007 (Ref. dok. 8784/07) u l-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji fit-8 ta' Mejju 2007.

9 ĠU L 195, 27.7.2007, p. 44.

10 Kunsill Ewropew, EUCO 10/1/11.

11 Rapport tal-Analiżi Inter Pares tal-ENSREG – Testijiet taħt Stress imwettqa fuq impjanti nukleari Ewropej, 25 ta' April 2012.

Komprensivi tar-Riskju u s-Sikurezza ("testijiet tal-istress") ta' Impjanti tal-Enerġija Nukleari fl-Unjoni Ewropea[12] tal-24 ta' Novembru 2011.

(12) F'konformità mal-prinċipji ġenerali ta' konsultazzjoni u djalogu, il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni pubblika online, bejn Diċembru 2011 u Frar 2012, fejn fittxet l-opinjonijiet dwar oqsma ta' tisħiħ tal-qafas Komunitarju tas-Sikurezza Nukleari.

(13) Il-Kummissjoni identifikat għadd ta' oqsma għar-reviżjoni tad-Direttiva 2009/71/Euratom attwali, kif spjegat fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Ottubru 2012 *Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-valutazzjonijiet komprensivi tar-riskju u tas-sikurezza ("testijiet tal-istress") ta' impjanti tal-enerġija nukleari fl-UE u attivitajiet relatati*[13].

(14) Fl-identifikazzjoni tal-oqsma rilevanti għat-titjib, il-Kummissjoni kkunsidrat il-progress tekniku miksub fil-livell Ewropew u internazzjonali, l-esperjenza u r-riżultati miksuba mit-testijiet tal-istress, is-sejbiet tad-diversi rapporti dwar l-aċċident nukleari ta' Fukushima, l-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjoni pubblika dwar oqsma għat-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv Komunitarju, l-opinjonijiet espressi minn diversi partijiet interessati inklużi awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti, l-industrija u s-soċjetà ċivili, u r-riżultati tal-valutazzjoni preliminari tal-miżuri ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri.

(15) Awtorità regolatorja kompetenti b'saħħitha u indipendenti hija kundizzjoni fundamentali tal-qafas regolatorju Ewropew dwar is-sikurezza nukleari. L-indipendenza tagħha u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha b'mod imparzjali u trasparenti huma fatturi kruċjali għall-assigurazzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza nazzjonali. Deċiżjonijiet regolatorji objettivi u azzjonijiet ta' infurzar għandhom jiġu stabbiliti mingħajr ebda influwenza esterna li tista' tikkomprometti s-sikurezza, bħal pressjoni assoċjata ma' tibdil fil-kundizzjonijiet politiċi, ekonomiċi jew soċjetali, jew pressjoni minn dipartimenti tal-gvern jew kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra. Il-konsegwenzi negattivi tan-nuqqas ta' indipendenza kienu evidenti fl-aċċident ta' Fukushima. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/71/Euratom dwar is-separazzjoni funzjonali tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandha tissaħħaħ sabiex tkun żgurata l-indipendenza effettiva tal-awtoritajiet regolatorji u sabiex ikun garantit li jingħataw il-mezzi u l-kompetenzi xierqa sabiex iwettqu kif xieraq ir-responsabbiltajiet mogħtija lilhom. B'mod partikolari, l-awtorità regolatorja għandu jkollha setgħat legali suffiċjenti, persunal suffiċjenti u riżorsi finanzjarji suffiċjenti għall-qadi xieraq tar-responsabbiltajiet fdati lilha. Ir-rekwiżiti msaħħa li jkollhom l-għan li jassiguraw l-indipendenza fit-twettiq ta' kompiti regolatorji għandhom madankollu jkunu mingħajr preġudizzju għall-kooperazzjoni mill-qrib, kif xieraq, ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn jew għal linji gwida ta' politika ġenerali maħruġa mill-gvern mhux relatati mas-setgħat u d-doveri regolatorji.

(16) L-indipendenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-awtorità regolatorja tiddependi wkoll mill-kompetenza tal-persunal tagħha. Għaldaqstant l-awtorità regolatorja għandha timpjega persunal bil-kwalifiki, l-esperjenza u l-għarfien meħtieġa sabiex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħha. Minħabba n-natura speċjalizzata tal-industrija nukleari u d-disponibbiltà limitata ta' persuni bl-esperjenza u l-kompetenza meħtieġa, li jirriżulta fil-possibbiltà ta' rotazzjoni tal-persuni b'responsabbiltà eżekuttiva bejn l-industrija nukleari u r-regolaturi, għandha tingħata attenzjoni speċjali

[12] COM(2011) 784 finali.
[13] COM (2012) 571 finali.

sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess. Barra minn hekk, għandhom isiru arranġamenti sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess għal dawk l-organizzazzjonijiet li jipprovdu pariri jew servizzi lill-korp regolatorju.

(17) Meta jiġu implimentati proġetti infrastrutturali li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari, għandhom jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi nazzjonali xierqa ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mal-pubbliku u l-opinjonijiet tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ.

(18) Id-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent[14] hija rilevanti għall-installazzjonijiet nukleari. Din id-Direttiva tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jassiguraw li, qabel jingħata l-kunsens għall-iżvilupp, il-proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent, minħabba, *inter alia*, in-natura, id-daqs jew il-post tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-effetti ambjentali. F'dan ir-rigward, hija għodda sabiex ikun żgurat li l-kunsiderazzjonijiet ambjentali jkunu integrati fil-proċess ta' għoti ta' liċenzji lill-installazzjonijiet nukleari.

(19) Kwalunkwe valutazzjoni taħt din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni ambjentali rilevanti.

(20) Għall-installazzjonijiet nukleari li għalihom l-obbligu li jwettqu valutazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent jirriżultaw fl-istess waqt minn din id-Direttiva u leġiżlazzjoni oħra Ewropea, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal proċeduri koordinati jew konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

(21) Il-konsegwenzi ta' aċċident nukleari jistgħu jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, u għaldaqstant il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi ġirien jew ta' pajjiżi fl-istess reġjun, irrispettivament minn jekk iħaddmux installazzjonijiet nukleari jew le, għandhom jiġu mħeġġa. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jkunu fis-seħħ arranġamenti xierqa li jiffaċilitaw din il-kooperazjoni dwar kwistjonijiet ta' sikurezza nukleari b'impatti transkonfinali, inkluż ma' pajjiżi terzi. Għandhom jinstabu sinerġiji mal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni[15] li jipprovdi qafas tal-UE għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fit-titjib tal-effikaċja ta' sistemi għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem.

(22) Sabiex ikun żgurat li jinkisbu l-ħiliet xierqa u li jinkisbu u jinżammu l-livelli adegwati ta' kompetenza, il-partijiet kollha għandhom jassiguraw li l-persunal kollu (inklużi s-subkuntratturi) li jkollu responsabbiltajiet marbuta mas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari u mat-tħejjija fuq il-post għall-emerġenza u mal-arranġamenti tar-rispons, jgħaddi minn proċess kontinwu ta' tagħlim. Dan jista' jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' programmi ta' taħriġ u pjanijiet ta' taħriġ, proċeduri għar-reviżjoni perjodiċi u l-aġġornament tal-programmi ta' taħriġ kif ukoll dispożizzjonijiet baġitarji xierqa għat-taħriġ.

(23) Tagħlima ewlenija oħra li ħadna mill-aċċident nukleari ta' Fukushima hija l-importanza li titjieb it-trasparenza fi kwistjonijiet ta' sikurezza nukleari. It-trasparenza hija wkoll mezz importanti sabiex tkun promossa l-indipendenza fit-teħid ta'

[14] ĠU L 26, 28.01.2012, p.1 - verjżjoni kodifikata tad-Direttiva 85/337/KEE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata.

[15] Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni (COM/2011/934 finali).

deċiżjonijiet regolatorji. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva 2009/71/Euratom dwar l-informazzjoni li għandha tkun ipprovduta lill-pubbliku għandhom ikunu aktar speċifiċi rigward liema tip ta' informazzjoni għandha tingħata, bħala minimu mill-awtorità regolatorja kompetenti u mid-detentur tal-liċenzja, u f'kemm żmien. Għal dan il-għan, pereżempju, it-tip ta' informazzjoni li għandha tingħata, bħala minimu mill-awtorità regolatorja kompetenti u mid-detentur tal-liċenzja bħala parti mill-istrateġiji usa' ta' trasparenza tagħhom, għandha tkun identifikata. L-informazzjoni għandha tinħareġ f'waqtha, b'mod partikolari f'każ ta' avvenimenti jew aċċidenti mhux tas-soltu. Ir-riżultati ta' reviżjonijiet perjodiċi tas-sikurezza u reviżjonijiet bejn il-pari internazzjonali wkoll għandhom jiġu ppubblikati.

(24) Ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva dwar it-trasparenza jikkumplimentaw lil dawk tal-leġiżlazzjoni Euratom eżistenti. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-arranġamenti Komunitarji għall-iskambju bikri ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika[16] timponi obbligi fuq l-Istati Membri sabiex jinnotifikaw u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn f'każ ta' emerġenza radjoloġika fit-territorju tagħhom, filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill 89/618 Euratom tas-27 ta' Novembru 1989[17] tipprevedi rekwiżiti fuq l-Istati Membri sabiex jinformaw lill-pubbliku dwar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa li għandhom ikunu applikati u l-passi li għandhom jittieħdu fil-każ ta' emerġenza radjoloġika, u sabiex jipprovdu informazzjoni minn qabel u kontinwa lill-popolazzjoni li aktarx li tkun affettwata f'każ ta' emerġenza bħal din. Madankollu, minbarra l-informazzjoni li għandha tingħata f'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom taħt din id-Direttiva jagħmlu arranġamenti għal dispożizzjonijiet xierqa ta' trasparenza, bil-ħruġ f'waqtu u regolari ta' informazzjoni aġġornata sabiex ikun żgurat li l-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali jinżammu infurmati dwar l-avvenimenti kollha marbuta mas-sikurezza nukleari, inkluż f'kundizzjonijiet ta' avvenimenti jew aċċidenti mhux tas-soltu. Barra minn hekk, il-pubbliku għandu jingħata opportunitajiet sabiex jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċess ta' għoti ta' liċenzji lil installazzjonijiet nukleari u l-awtorità regolatorja kompetenti għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni marbuta mas-sikurezza b'mod indipendenti, mingħajr il-ħtieġa ta' kunsens minn qabel minn xi entità pubblika jew privata oħra.

(25) Id-Direttiva 2009/71/Euratom tistabbilixxi qafas Komunitarju legalment vinkolanti bħala bażi għal sistema ta' sikurezza nukleari leġiżlattiva, amministrattiva u organizzattiva. Ma tinkludix rekwiżiti speċifiċi għall-installazzjonijiet nukleari. Minħabba l-progress tekniku miksub mill-IAEA, u l-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent ('WENRA') u sorsi oħrajn ta' esperjenza, inkluż it-tagħlim miksub mit-testijiet tal-istress u l-investigazzjonijiet dwar l-aċċident nukleari ta' Fukushima, id-Direttiva 2009/71/Euratom għandha tiġi emendata sabiex tinkludi l-għanijiet ta' sikurezza nukleari tal-Komunità li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari (il-lokalizzazzjoni, it-tfassil, il-bini, l-użu, it-tħaddim, it-twaqqif mill-użu).

(26) Metodi bbażati fuq ir-riskji jeżaminaw il-probabbiltà ta' kull avveniment f'sekwenza ta' avvenimenti li aktarx li jwasslu jew jikkontribwixxu għal aċċident kif ukoll il-konsegwenzi possibbli tiegħu. It-tweġibiet jistgħu jintużaw sabiex jipprovdu għarfien dwar is-saħħiet u d-dgħufijiet tad-disinn u t-tħaddim ta' installazzjoni nukleari u b'hekk jistgħu jiggwidaw l-attenzjoni, mil-lat ta' rekwiżiti u regolamenti, għall-kwistjonijiet li fihom jista' jinkiseb l-akbar benefiċċju għas-sikurezza ta' installazzjoni

[16] ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76.
[17] ĠU L 357, 7.12.1989, p.31.

nukleari. Wara li investew għal dawn l-aħħar għexieren ta' snin riżorsi konsiderevoli fl-iżvilupp ta' Valutazzjonijiet tas-Sikurezza Probabilistiċi għall-installazzjonijiet nukleari, b'mod partikolari għal impjanti tal-enerġija nukleari u reatturi ta' riċerka, id-detenturi tal-liċenzji u l-awtoritajiet regolatorji kompetenti fid-dinja kollha issa jinsabu f'qagħda li jużaw l-għarfien miksub sabiex itejbu s-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari fuq bażi infurmata dwar ir-riskju filwaqt li jħaddmuhom bl-aktar mod effiċjenti.

(27) It-tiqdim ta' strutturi, sistemi u komponenti ta' installazzjoni nukleari relatati mas-sikurezza, u b'mod speċjali t-tmermir ta' komponenti li diffiċilment jistgħu jinbidlu fil-prattika, bħal pereżempju tankijiet tar-reatturi taħt pressjoni, jimponi limitu naturali fuq l-operat kontinwu aċċettabbli tagħha. Kemm minn perspettiva ta' sikurezza kif ukoll minn lat ekonomiku, il-limitu tal-ħajja operattiva huwa normalment ta' 40 sena wara l-bidu tal-operat kummerċjali u għaldaqstant l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-estensjoni possibbli tal-ħajja utli ta' impjanti eżistenti tal-enerġija nukleari ma tesponix lill-ħaddiema u lill-pubbliku għal aktar riskji. Għal dan il-għan, id-Direttiva 2009/71/Euratom għandha tkun emendata sabiex tinkludi għanijiet ta' sikurezza ġodda għall-Komunità kollha li għandhom jiġu rrispettati mill-awtoritajiet regolatorji u mid-detenturi tal-liċenzji f'każ ta' estensjoni tal-ħajja ta' impjanti eżistenti tal-enerġija nukleari.

(28) Għal disinn ta' reatturi ġodda, hemm aspettattiva ċara li jiġi indirizzat fid-disinn oriġinali dak li jmur lil hinn mid-disinn tal-ġenerazzjonijiet preċedenti ta' reatturi. Il-kundizzjonijiet tal-estensjoni tad-disinn huma kundizzjonijiet ta' aċċident li mhumiex ikkunsidrati għal aċċidenti ta' disinn bażiku, iżda huma meqjusa fil-proċess tad-disinn tal-installazzjoni skont il-metodoloġija tal-aqwa stima, u li għalihom ir-rilaxx ta' materjal radjuattiv jinżamm fil-limiti aċċettabbli. Il-kundizzjonijiet ta' estensjoni tad-disinn jistgħu jinkludu kundizzjonijiet ta' aċċidenti serji.

(29) L-applikazzjoni tal-kunċett ta' difiża profonda fl-attivitajiet relatati mal-organizzazzjoni, l-imġiba u d-disinn ta' installazzjoni nukleari, tassigura li attivitajiet relatati mas-sikurezza huma soġġetti għal diversi livelli indipendenti ta' dispożizzjonijiet, b'mod li jekk isseħħ xi ħsara, tkun skoperta u kkompensata b'miżuri xierqa. L-effikaċja indipendenti ta' kull wieħed mil-livelli differenti hija element essenzjali tad-difiża profonda sabiex jiġu evitati aċċidenti u jitnaqqsu l-konsegwenzi jekk tabilħaqq iseħħu.

(30) Wara l-aċċidenti nukleari fi Three Mile Island u Chernobyl, l-aċċident nukleari ta' Fukushima enfasizza għal darb'oħra l-importanza kritika tal-funzjoni ta' konteniment, li hija l-aħħar ilqugħ li jħares lin-nies u lill-ambjent mir-rilaxx radjuattiv li jirriżulta minn aċċident. Għaldaqstant l-applikant għal liċenzja għall-kostruzzjoni ta' reattur ġdid tal-enerġija jew ta' riċerka għandu juri li d-disinn jillimita b'mod prattiku l-effetti ta' ħsara fil-qalba tar-reattur sa ġol-konteniment, jiġifieri għandu jipprova li rilaxx radjuattiv barra l-konteniment huwa fiżikament impossibbli jew jista' jitqies estremament improbabbli bi grad għoli ta' kunfidenza li rilaxx bħal dan jista' jseħħ.

(31) Id-Direttiva 2009/71/Euratom ma tinkludix miżuri li jirrigwardaw it-tħejjija u r-rispons għall-emerġenza fuq il-post, li, kif wera l-aċċident nukleari ta' Fukushima, huma kruċjali biex jonqsu l-konsegwenzi ta' aċċident nukleari. Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tipprevedi li, f'każ ta' emerġenzi radjoloġiċi, huwa neċessarju li jiġi organizzat intervent xieraq li jwaqqaf jew li jnaqqas l-emissjoni ta' radjonuklidi, u li jiġu vvalutati u rreġistrati l-konsegwenzi tal-emerġenza u l-effikaċja tal-intervent. Għandu jkun hemm ukoll miżuri stabbiliti għall-protezzjoni u l-monitoraġġ tal-

ambjent u tal-popolazzjoni. Madankollu, hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet aktar speċifiċi rigward it-tħejjija u r-rispons fuq il-post sabiex jiġu vvalutati sitwazzjonijiet li jistgħu jeħtieġu miżuri protettivi fuq il-post, ta' struttura organizzattiva u ta' koordinazzjoni fost il-korpi ta' rispons, u li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli riżorsi suffiċjenti biex ikunu applikati dawk il-miżuri protettivi xierqa anki f'każijiet estremi.

(32) It-testijiet tal-istress urew l-irwol ewlieni ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mtejba bejn il-partijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet għas-sikurezza nukleari. Ir-reviżjonijiet bejn il-pari wrew li huma mezz tajjeb għall-bini tal-fiduċja, bl-għan li tiġi żviluppata u skambjata l-esperjenza u tkun żgurata l-applikazzjoni komuni ta' standards ta' sikurezza nazzjonali għolja. L-ambitu tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/71/Euratom madankollu huwa limitat biss għal awtovalutazzjonijiet u reviżjonijiet bejn il-pari internazzjonali tal-infrastruttura leġiżlattiva, regolatorja u organizzattiva tal-Istati Membri u għalhekk id-Direttiva għandha titwessa' sabiex tinkludi reviżjonijiet bejn il-pari ta' installazzjonijiet nukleari.

(33) Din id-Direttiva tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda dwar l-awtovalutazzjonijiet u r-reviżjonijiet bejn il-pari ta' installazzjonijiet nukleari bbażati fuq għażla ta' temi ta' sikurezza nukleari li jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħa tagħhom. F'livell internazzjonali, hemm diġà esperjenza kkonfermata fit-twettiq ta' tali reviżjonijiet bejn il-pari fuq impjanti tal-enerġija nukleari. Fil-livell tal-UE, l-esperjenza mill-proċess tat-testijiet tal-istress turi l-valur ta' eżerċizzju kkoordinat sabiex tiġi vvalutata u riveduta s-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari tal-UE. Mekkaniżmu simili, ibbażat fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, għandu jkun applikat hawnhekk. Għaldaqstant, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti li jikkoordinaw fil-kuntest ta' gruppi ta' esperti bħall-ENSREG, jistgħu jikkontribwixxu bl-esperjenza tagħhom għall-identifikazzjoni tat-temi ta' sikurezza rilevanti u fit-twettiq ta' dawn ir-reviżjonijiet bejn il-pari. Jekk l-Istati Membri jonqsu li jagħżlu b'mod konġunt mill-inqas tema waħda l-Kummissjoni għandha tagħżel tema waħda jew aktar biex jiġu riveduti bejn il-pari. Il-parteċipazzjoni ta' partijiet interessati oħrajn, bħal Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ Tekniku, osservaturi internazzjonali jew Organizzazzjonijiet mhux governattivi jistgħu jżidu l-valur tar-reviżjonijiet bejn il-pari.

(34) Biex jiggarantixxu r-rigorożità u l-oġġettività tar-reviżjonijiet bejn il-pari, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa, soġġetta għall-proċeduri meħtieġa ta' approvazzjoni tas-sikurezza, għall-persunal u għall-installazzjoni nukleari kkonċernata.

(35) Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' segwitu xieraq li jassigura li l-eżitu ta' dawn ir-reviżjonijiet bejn il-pari jiġi implimentat kif xieraq. Ir-reviżjonijiet bejn il-pari għandhom jgħinu fit-titjib tas-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari individwali kif ukoll jgħinu jifformulaw rakkomandazzjonijiet u linji gwida ġeneriċi validi dwar is-sikurezza teknika madwar l-Unjoni.

(36) F'każ li l-Kummissjoni tidentifika devjazzjonijiet sostanzjali jew dewmien fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi mill-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti tal-Istati Membri mhux ikkonċernati sabiex jorganizzaw u jwettqu missjoni ta' verifika bl-għan li jiksbu stampa sħiħa tas-sitwazzjoni u jinfurmaw lill-Istat Membru kkonċernat dwar miżuri possibbli li jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas identifikat.

(37) Id-dispożizzjonijet ta' din id-Direttiva li jistabbilixxu l-mekkaniżmu tal-evalwazzjoni bejn il-pari huma mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' ksur f'każ li Stat Membru jonqos milli jissodisfa obbligu skont it-Trattati, kif stabbilit fl-Artikoli 258, 259 u 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU).

(38) Il-perjodiċità tar-reviżjonijiet bejn il-pari u r-rappurtar skont din id-Direttiva għandhom ikunu allinjati maċ-ċikli ta' reviżjoni u ta' rappurtar tal-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari.

(39) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2, Taqsima 2 "Obbligi Speċifiċi" ta' din id-Direttiva tiddependi fuq it-tip ta' installazzjonijiet nukleari fit-territorju ta' Stat Membru. Għaldaqstant, meta jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-riskji ppreżentati mit-tipi speċifiċi ta' installazzjonijiet nukleari li jippjanaw li jħaddmu. B'mod partikolari, il-prinċipju tal-proporzjonalità jkun jirrigwarda lil dawk l-Istati Membri li jżommu biss inventorju żgħir ta' materjal nukleari u radjuattiv, eż. marbut mat-tħaddim ta' faċilitajiet żgħar ta' reatturi ta' riċerka, li f'każ ta' aċċident serju ma jnisslux konsegwenzi komparabbli ma' dawk iġġenerati mill-impjanti tal-enerġija nukleari.

(40) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li huma intrinsikament marbuta mal-eżistenza ta' installazzjonijiet nukleari, jiġifieri dawk li jirrigwardaw l-obbligi tad-detentur tal-liċenzja, ir-rekwiżiti speċifiċi ġodda għall-installazzjonijiet nukleari u d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-tħejjija u r-rispons għall-emerġenza fuq il-post mhumiex applikabbli għall-Istati Membri li m'għandhomx installazzjonijiet nukleari kif definiti minn din id-Direttiva. Dawn l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn jittrasponu u jimplimentaw ir-rekwiżit li jimponu penali fuq dawk li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' din id-Direttiva għandhom jiġu trasposti u implimentati b'mod proporzjonat skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali u jikkunsidraw il-fatt li dawn l-Istati Membri m'għandhomx installazzjonijiet nukleari, filwaqt li jassiguraw li s-sikurezza nukleari tingħata attenzjoni xierqa mill-gvern jew mill-awtoritajiet kompetenti.

(41) Skont id-Direttiva 2009/71/Euratom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu qafas leġiżlattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali ('qafas nazzjonali') għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari. Id-determinazzjoni ta' kif id-dispożizzjonijiet tal-qafas nazzjonali jiġu adottati u permezz ta' liema strument jiġu applikati tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

(42) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur jikkunsidra li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata.

(43) Id-Direttiva 2009/71/Euratom għaldaqstant għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2009/71/Euratom għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) L-intestatura tal-Kapitolu 1 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"OBJETTIVI, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET".

(2) Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) li jiġi żgurat li l-Istati Membri għandhom jipprovdu arranġamenti nazzjonali adatti sabiex l-installazzjonijiet nukleari jiġu mfassla, lokalizzati, mibnija, kkummissjonati, mħaddma jew dekummissjonati b'mod li jiġi evitat ir-rilaxx radjuattiv."

(3) L-Artikolu 2 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kwalunkwe installazzjoni nukleari ċivili soġġetta għal liċenzja kif definit fl-Artikolu 3(4) fl-istadji kollha koperti b'din il-liċenzja.";

(b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Din id-Direttiva tissupplimenta l-istandards bażiċi msemmijin fl-Artikolu 30 tat-Trattat fir-rigward tas-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari u hija mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti, u b'mod partikolari d-Direttiva 96/29/Euratom.".

(4) Fl-Artikolu 3, għandhom jiżdiedu l-paragrafi 6 sa 17:

"6. 'difiża profonda' tfisser l-iskjerament ġerarkiku ta' livelli differenti ta' tagħmir u proċeduri varjati sabiex tiġi evitata l-eskalazzjoni ta' okkorrenzi operattivi antiċipati u sabiex tinżamm l-effikaċja ta' lqugħ fiżiku mqiegħed bejn sors ta' radjazzjoni jew materjal radjuattiv u l-ħaddiema, il-membri tal-pubbliku jew l-arja, l-ilma u l-ħamrija, fi stati operattivi u, għal ċertu lqugħ, f'kundizzjonijiet ta' aċċidenti;

7. 'avveniment mhux normali' tfisser kwalunkwe okkorrenza mhux intenzjonata li l-konsegwenzi, jew il-konsegwenzi potenzjali tagħha mhumiex negliġibbli mill-perspettiva tal-protezzjoni jew tas-sikurezza nukleari;

8. 'aċċident' tfisser kwalunkwe avveniment mhux ippjanat, inklużi żbalji operattivi, ħsara f'tagħmir jew aċċidenti oħrajn, li l-konsegwenzi, jew il-konsegwenzi potenzjali tagħhom mhumiex negliġibbli mill-perspettiva tal-protezzjoni jew tas-sikurezza nukleari;

9. 'rilaxx bikri' tfisser sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu miżuri ta' emerġenza barra l-post iżda b'nuqqas ta' ħin biex jiġu implimentati;

10. 'rilaxx kbir' tfisser sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu miżuri ta' protezzjoni għall-pubbliku li ma jistgħux ikunu limitati f'żona jew f'ħin;

11. 'li prattikament telimina' tfisser li huwa fiżikament impossibbli jew jista' jitqies estremament improbabbli bi grad għoli ta' fiduċja li kundizzjoni sseħħ;

12. 'raġonevolment possibbli' tfisser li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' prattika tajba fl-inġinerija, għandhom jinstabu miżuri oħrajn ta' sikurezza jew ta' tnaqqis ta' riskju għad-disinn, il-kummissjonar, it-tħaddim jew id-dekummissjonar ta' installazzjoni nukleari u li dawn il-miżuri għandhom ikunu implimentati diment li ma jistax jintwera li huma wisq sproporzjonati fir-rigward tal-benefiċċju ta' sikurezza li jikkonferixxu;

13. ‘bażi ta’ disinn’ tfisser il-firxa ta’ kundizzjonijiet u avvenimenti kkunsidrati b’mod espliċitu fid-disinn ta’ installazzjoni, skont kriterji stabbiliti, b’mod li l-installazzjoni tkun tista’ tiflaħ għalihom mingħajr ma taqbeż il-limiti awtorizzati bit-tħaddim ippjanat tas-sistemi ta’ sikurezza;

14. ‘aċċidenti ta’ disinn bażiku’ tfisser kundizzjonijiet ta’ aċċident li fuqhom installazzjoni hija mfassla skont kriterji stabbiliti, u li għalihom il-ħsara lill-fjuwil u r-rilaxx ta’ materjal radjuattiv huma miżmuma fil-limiti awtorizzati;

15. 'lil hinn minn aċċidenti ta’ disinn bażiku’ tfisser aċċident li huwa possibbli, iżda li ma ġiex ikkunsidrat fid-disinn minħabba li kien meqjus ferm improbabbli;

16. ‘analiżi tal-estensjoni tad-disinn’ tfisser sett ta’ kundizzjonijiet ta’ estensjoni ta’ disinn mnissla abbażi ta’ ġudizzju ta’ inġinerija, valutazzjonijiet deterministiċi u valutazzjonijiet probabilistiċi bl-iskop li tittejjeb aktar is-sikurezza tal-impjant tal-enerġija nukleari billi jittejbu l-kapaċitajiet tal-impjant biex ikun jiflaħ, mingħajr konsegwenzi radjoloġiċi mhux aċċettabbli, għal aċċidenti li jew huma aktar serji mill-aċċidenti ta’ disinn bażiku jew li jinvolvu ħsarat oħra. Dawn il-kundizzjonijiet ta’ estensjoni tad-disinn jintużaw sabiex jiġu identifikati xenarji ta’ aċċidenti addizzjonali li għandhom ikunu indirizzati fid-disinn u jiġu ppjanati dispożizzjonijiet prattikabbli għall-prevenzjoni ta’ aċċidenti bħal dawn jew it-tnaqqis tal-konsegwenzi tagħhom jekk iseħħu tabilħaqq.

17. ‘reviżjoni perjodika tas-sikurezza’ tfisser valutazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza ta’ installazzjoni eżistenti li ssir f’intervalli regolari sabiex jiġu indirizzati l-effetti kumulattivi tat-tiqdim, il-modifiki, l-esperjenzi operattivi, l-iżviluppi tekniċi u l-aspetti tal-post u li jkollha l-għan li tassigura livell għoli ta’ sikurezza tul il-ħajja ta’ servizz tal-installazzjoni.".

(5) Fil-Kapitolu 2, it-titolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-intestatura ‘**OBBLIGI**’:

"*TAQSIMA 1*

Obbligi ġenerali".

(6) L-ewwel (1) paragrafu tal-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttorja għandha tiġi sostitwita b’dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu qafas leġiżlattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-qafas nazzjonali’) għas-sikurezza nukleari ta’ installazzjonijiet nukleari li jalloka r-responsabbiltajiet u jipprovdi għall-koordinazzjoni bejn il-korpi rilevanti tal-istat. Il-qafas nazzjonali għandu jipprovdi b’mod partikolari għal:";

(b) il-punt (a) jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(a) arranġamenti ta’ sikurezza nukleari nazzjonali, li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-installazzjonijiet nukleari imsemmija fl-Artikolu 3(4);";

(c) il-punt (b) jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(b) sistema ta’ liċenzjar u l-projbizzjoni tal-operat ta’ installazzjonijiet nukleari mingħajr liċenzja;";

(d) il-punt (c) jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(c) sistema ta’ superviżjoni ta’ sikurezza nukleari;".

(7) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b’dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza effettiva tal-awtorità regolatorja kompetenti minn influwenza mhux dovuta fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, b'mod partikolari meta twettaq il-kompiti regolatorji stipulati fil-paragrafu 3, u jiżguraw li s-sikurezza ma tkunx subordinata għall-interessi politiċi, ekonomiċi jew soċjetali. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li l-awtorità regolatorja kompetenti:

(a) tkun funzjonalment separata minn kull korp pubbliku jew privat ieħor ikkonċernat mill-promozzjoni jew l-użu ta' enerġija nukleari, jew mill-produzzjoni tal-elettriku;

(b) ma titlobx jew tieħu struzzjonijiet minn ebda korp pubbliku jew privat ieħor ikkonċernat mill-promozzjoni jew l-użu ta' enerġija nukleari, jew mill-produzzjoni tal-elettriku, meta twettaq il-kompiti regolatorji tagħha;

(c) tieħu deċiżjonijiet regolatorji, ibbażati fuq kriterji oġġettivi u verifikabbli marbuta mas-sikurezza;

(d) ikollha l-allokazzjonijiet tal-baġit xierqa, b'awtonomija fl-implimentazzjoni tal-baġit allokat. Il-mekkaniżmu ta' finanzjament u l-proċess ta' allokazzjoni tal-baġit għandhom ikunu definiti b'mod ċar fil-qafas nazzjonali;

(e) timpjega għadd xieraq ta' persunal bil-kwalifiki, bl-esperjenza u bl-għarfien meħtieġa;

(f) tistabbilixxi proċeduri u kriterji għall-ħatra u t-tkeċċija tal-persunal, u għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess;

(g) tipprovdi informazzjoni relatata mas-sikurezza mingħajr reviżjoni jew approvazzjoni minn xi entità pubblika jew privata oħra skont l-Artikolu 8(2).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja kompetenti tingħata s-setgħat legali meħtieġa sabiex twettaq l-obbligi tagħha b'rabta mal-qafas nazzjonali deskritt fl-Artikolu 4(1) bi prijorità dovuta għas-sikurezza. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-qafas nazzjonali jipprovdi għal dawn il-kompiti regolatorji ewlenin:

(a) li jiddefinixxi r-rekwiżiti ta' sikurezza nukleari;

(b) li jesiġi li d-detentur tal-liċenzja jikkonforma mar-rekwiżiti ta' sikurezza nukleari nazzjonali u t-termini tal-liċenzja rilevanti;

(c) li jesiġi l-prova ta' din il-konformità, inklużi r-rekwiżiti taħt il-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 6 u l-Artikoli 8a sa 8d;

(d) li jivverifika din il-konformità permezz ta' valutazzjonijiet u spezzjonijiet regolatorji;

(e) li jwettaq azzjonijiet ta' infurzar, inkluż li jissospendi l-operat ta' installazzjoni nukleari skont il-kundizzjonijiet definiti mill-qafas nazzjonali msemmi fl-Artikolu 4(1).".

(8) L-Artikolu 6 jiġi emendat kif ġej:

(a) l-ewwel (1) paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li r-responsabbiltà ewlenija għas-sikurezza nukleari ta' installazzjoni nukleari tkun tad-detentur tal-liċenzja. Din ir-responsabbiltà ma tistax tiġi ddelegata.";

(b) il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li d-detenturi tal-liċenzja, taħt is-superviżjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti, jivvalutaw u jivverifikaw regolarment, u jtejbu kontinwament, sakemm ikun raġonevolment possibbli, is-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari tagħhom b'mod sistematiku u verifikabbli.";

(c) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-valutazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 għandhom jinkludu verifika li, abbażi ta' valutazzjoni tas-sikurezza komprensiva, hemm stabbiliti miżuri għall-prevenzjoni ta' aċċidenti u għat-tnaqqis tal-konsegwenzi tal-aċċidenti, inkluża verifika tas-suffiċjenza ta' dispożizzjonijiet ta' difiża profonda u l-miżuri organizzattivi ta' protezzjoni tad-detenturi tal-liċenzja, li jkollhom ifallu qabel ma l-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali jkunu affettwati b'mod sinifikanti mir-radjazzjonijiet jonizzanti.";

(d) il-paragrafu 4 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li d-detenturi tal-liċenzja jistabbilixxu u jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni li jagħtu prijorità dovuta għas-sikurezza nukleari u li huma vverifikati regolarment mill-awtorità regolatorja kompetenti.";

(e) jiddaħħal il-paragrafu 4a kif ġej:

"4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li meta japplika għal liċenzja, l-applikant ikun mitlub jissottometti prova dettaljata tas-sikurezza. L-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha għandhom ikunu proporzjonati mal-kobor potenzjali u n-natura tal-periklu ppreżentat. Din għandha tkun riveduta u vvalutata mill-awtorità regolatorja kompetenti skont proċeduri definiti b'mod ċar.";

(f) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li d-detenturi ta' liċenzja jipprevedu u jżommu riżorsi finanzjarji u umani adegwati, bi kwalifiki, kompetenzi u ħiliet xierqa, biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tas-sikurezza nukleari ta' installazzjoni nukleari, stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4a ta' dan l-Artikolu u fl-Artikoli 8a sa 8d ta' din id-Direttiva. Dawn l-obbligi jestendu wkoll għall-ħaddiema subkuntrattati.".

(9) L-Artikoli 7 u 8 ġew sostitwiti bis-segwenti:

"*Artikolu 7*

Kompetenza u ħiliet fis-sikurezza nukleari

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li l-partijiet kollha jagħmlu arranġamenti għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzju għall-persunal tagħhom b'responsabbiltajiet relatati mas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari u biex ikunu ppreparati għal emerġenzi fuq il-post u jkollhom arranġamenti ta' rispons, sabiex jibnu, iżommu u jkomplu jiżviluppaw kompetenzi u ħiliet aġġornati u rikonoxxuti reċiprokament fis-sikurezza nukleari.

Artikolu 8

Transparenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni aġġornata u f'waqtha fir-rigward tas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari u tar-riskji relatati tkun

magħmula disponibbli għall-ħaddiema u għall-pubbliku ġenerali, b'kunsiderazzjoni speċifika għal dawk li jgħixu fil-viċinanza ta' installazzjoni nukleari.

L-obbligu stabbilit fl-ewwel paragrafu jinkludi l-iżgurar li l-awtorità regolatorja kompetenti u d-detenturi ta' liċenzja, fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, jiżviluppaw, jippubblikaw u jimplimentaw strateġija ta' trasparenza li tkopri, inter alia, informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet operattivi normali ta' installazzjonijiet nukleari, l-attivitajiet mhux obbligatorji ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u mal-pubbliku ġenerali u l-komunikazzjoni fil-każ ta' avvenimenti mhux normali u aċċidenti.

2. L-informazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u l-obbligi internazzjonali, sakemm dan ma jipperikolax interessi prevalenti oħra, bħas-sigurtà, rikonoxxuta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew obbligi internazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet effettivi u minn kmieni biex jipparteċipa fil-proċess ta' liċenzjar ta' installazzjonijiet nukleari, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u obbligi internazzjonali.".

(10) It-Taqsima 2 li ġejja ġiet imdaħħla wara l-Artikolu 8:

"*TAQSIMA 2*

Obbligi speċifiċi

Artikolu 8a

Objettiv tas-sikurezza għal installazzjonijiet nukleari

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li installazzjonijiet nukleari jiġu ddisinjati, ippożizzjonati, mibnija, ikkummissjonati, mħaddmin u dekommissjonati bil-għan li jiġu evitati rilaxxi radjuattivi potenzjali billi:

(a) prattikament jeliminaw l-okkorrenza tas-sekwenzi kollha ta' aċċidenti li jistgħu jwasslu għal rilaxxi kmieni jew kbar;

(b) għal aċċidenti li ma ġewx eliminati prattikament, jimplimentaw miżuri fid-disinn sabiex ikun hemm biss il-ħtieġa għal miżuri protettivi limitati fiż-żona u fil-ħin għall-pubbliku u li jkun hemm biżżejjed ħin disponibbli biex dawn il-miżuri jiġu implimentati, u li l-frekwenza ta' aċċidenti bħal dawn tiġi minimizzata.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jeħtieġ li l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 1 japplika għal installazzjonijiet nukleari eżistenti sal-punt li dan ikun jista' jintlaħaq b'mod raġonevoli.

Artikolu 8b

Implimentazzjoni tal-objettiv tas-sikurezza għal installazzjonijiet nukleari

Sabiex jilħqu l-objettiv tas-sikurezza stabbilit fl-Artikolu 8a, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li l-installazzjonijiet nukleari jkunu:

(a) sitwati b'tali mod sabiex tingħata l-konsiderazzjoni dovuta sabiex, fejn possibbli, jiġu evitati l-perikli naturali esterni u magħmula mill-bniedem u jiġi minimizzat l-impatt tagħhom;

(b) ddisinjati, mibnija, ikkummissjonati, imħaddmin u dekommissjonati abbażi tal-kunċett ta' difiża profonda sabiex:

(i) id-dożi ta' radjazzjoni għall-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali ma jaqbżux il-limiti preskritti u jinżammu baxxi kemm jista' jkun possibbli;

(ii) l-okkorrenza ta' avvenimenti mhux normali tiġi minimizzata;

(iii) il-potenzjal ta' eskalazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' aċċidenti jitnaqqas billi titjieb il-kapaċità tal-installazzjonijiet nukleari biex jimmaniġġjaw u jikkontrollaw l-avvenimenti mhux normali b'mod effettiv;

(iv) il-konsegwenzi dannużi ta' avvenimenti mhux normali u aċċidenti abbażi tad-disinn, jekk dawn iseħħu, jiġu mtaffija biex jiġi żgurat li ma jinduċu l-ebda impatt radjoloġiku barra mis-sit, jew li l-impatt radjoloġiku jkun minuri biss;

(v) il-perikli naturali esterni u magħmula mill-bniedem jiġu evitati, fejn possibbli, u l-impatt tagħhom jiġi minimizzat.

Artikolu 8c

Metodoloġija għal-lokalizzazzjoni, id-disinn, il-kostruzzjoni, il-kummissjonar, it-tħaddim u d-dekommissjonar ta' installazzjonijiet nukleari

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li d-detentur ta' liċenzja, taħt is-superviżjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti:

(a) jevalwa b'mod regolari l-impatt radjoloġiku ta' installazzjoni nukleari fuq il-ħaddiema, il-pubbliku ġenerali u l-arja, l-ilma u l-ħamrija, kemm f'kundizzjonijiet ta' tħaddim normali u ta' aċċidenti;

(b) jiddefinixxi, jiddokumenta u regolarment jevalwa mill-ġdid u mill-inqas kull għaxar snin, il-bażi tad-disinn ta' installazzjonijiet nukleari permezz ta' reviżjoni perjodika tas-sikurezza, u jissumplimentaha permezz ta' analiżi tal-estensjoni tad-disinn, biex jiġi żgurat li l-miżuri kollha raġonevolment prattikabbli ta' titjib ikunu ġew implimentati;

(c) jiżgura li l-analiżi tal-estensjoni tad-disinn tkopri l-aċċidenti, l-avvenimenti u l-kombinazzjoni tal-avvenimenti kollha, inkluż perikli interni u esterni naturali u magħmula mill-bniedem u aċċidenti serji, li jwasslu għal kundizzjonijiet li ma jkunux inklużi fl-aċċidenti abbażi tad-disinn;

(d) jistabbilixxi u jimplimenta strateġiji biex itaffi kemm aċċidenti abbażi tad-disinn kif ukoll dawk mhux ibbażati fuq id-disinn;

(e) jimplimenta Linji Gwida għall-Immaniġġjar ta' Aċċidenti Serji għall-impjanti kollha tal-enerġija nukleari u, jekk xieraq, għal installazzjonijiet nukleari oħra, li jkopru l-kundizzjonijiet operattivi kollha, aċċidenti fil-pools ta' fjuwil użat u avvenimenti fit-tul;

(f) iwettaq reviżjoni speċifika tas-sikurezza għal installazzjonijiet nukleari li l-awtorità regolatorja kompetenti tqis li jkunu qrib il-limitu tal-ħajja operattiva tagħhom kif oriġinarjament previst, u li għalihom tkun intalbet estensjoni tal-ħajja.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li l-għoti jew ir-reviżjoni ta' liċenzja għall-bini u/jew l-operat ta' installazzjoni nukleari għandhom ikunu bbażata fuq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi, għal impjanti tal-enerġija nukleari u, jekk applikabbli, għal faċilitajiet għal reattur ta' riċerka, li għalihom qiegħda tintalab liċenzja tal-kostruzzjoni għall-ewwel darba, li l-awtorità regolatorja kompetenti tobbliga lill-applikant juri li d-disinn prattikament jillimita l-effetti ta' ħsara fil-qalba tar-reattur għal ġewwa l-konteniment.

Artikolu 8d

Stat ta' tħejjija u rispons għal emerġenza

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas nazzjonali jesiġi li d-detentur ta' liċenzja, taħt is-superviżjoni tal-awtorità regolatorja kompetenti:

(a) iħejji u jaġġorna b'mod regolari l-pjan ta' emerġenza fuq il-post li għandu:

(i) jkun ibbażat fuq valutazzjoni ta' avvenimenti ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jeħtieġu miżuri protettivi fuq il-post jew barra mis-sit;

(ii) jkun koordinat ma' korpi oħra involuti u għandu jkun ibbażat fuq lezzjonijiet mitgħallma mir-rispons ta' esperjenza minn avvenimenti serji, jekk dawn iseħħu;

(iii) jindirizza avvenimenti partikolari li jista' jkollhom impatt fuq diversi unitajiet ta' installazzjoni nukleari;

(b) jistabbilixxi l-istruttura organizzattiva meħtieġa għall-allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u jiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi u l-assi meħtieġa;

(c) jimplimenta arranġamenti għall-koordinazzjoni ta' attivitajiet fuq il-post u jikkoopera mal-awtoritajiet u l-aġenziji responsabbli għar-rispons f'emerġenza fil-fażijiet kollha ta' emerġenza, li għandhom jiġu eżerċitati b'mod regolari;

(d) jipprovdi għal miżuri ta' tħejjija għall-ħaddiema fuq il-post fir-rigward ta' avvenimenti mhux normali potenzjali u aċċidenti;

(e) jipprovdi arranġamenti għall-kooperazzjoni transkonfinali u internazzjonali, inkluż arranġamenti definiti minn qabel biex jirċievi assistenza esterna fuq il-post, jekk ikun hemm il-ħtieġa;

(f) jiżgura li jkun hemm ċentru għal rispons f'każ ta' emerġenza fuq il-post, protett biżżejjed kontra l-perikli naturali u r-radjuattività biex jiġi żgurat li jkun abitabbli;

(g) jieħu miżuri protettivi f'każ ta' emerġenza sabiex itaffi xi konsegwenzi għas-saħħa tal-bniedem u għall-arja, l-ilma u l-ħamrija.".

(11) Il-Kapitolu 2a ddaħħal wara l-Kapitolu 2:

"KAPITOLU 2a

REVIŻJONIJIET BEJN IL-PARI U LINJI GWIDA

Artikolu 8e

Reviżjonijiet Bejn il-Pari

1. Mill-inqas kull għaxar snin, l-Istati Membri għandhom jorganizzaw awtovalutazzjonijiet perjodiċi tal-qafas nazzjonali tagħhom u tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti u jistiednu reviżjoni bejn il-pari internazzjonali tal-aspetti rilevanti tal-qafas nazzjonali tagħhom u tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti tagħhom bil-għan li b'mod kontinwu jtejbu s-sikurezza nukleari. Ir-riżultati ta'

kwalunkwe reviżjoni bejn il-pari għandhom jiġu rapportati lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn disponibbli.

2. Stati Membri, bl-appoġġ tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti, għandhom perjodikament jirranġaw, u mill-inqas kull sitt snin, sistema ta' reviżjonijiet topiċi bejn il-pari u għandhom jaqblu fuq skeda ta' żmien u l-modalitajiet għall-implimentazzjoni. Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom:

(a) flimkien u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni jagħżlu tema waħda speċifika jew aktar relatati mas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli b'mod konġunt jagħżlu mill-inqas tema fiż-żmien speċifikat f'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tagħżel it-temi li għandhom ikunu s-suġġett tar-reviżjonijiet bejn il-pari;

(b) abbażi ta' dawn it-temi, b'kollaborazzjoni mill-qrib mad-detenturi ta' liċenzji, iwettqu valutazzjonijiet nazzjonali u jippubblikaw ir-riżultati;

(c) flimkien jiddefinixxu metodoloġija, jorganizzaw u jwettqu reviżjoni bejn il-pari tar-riżultati tal-valutazzjonijiet nazzjonali msemmija fil-punt (b), li għalihom il-Kummissjoni hija mistiedna tipparteċipa;

(d) jippubblikaw ir-riżultati tar-reviżjonijiet bejn il-pari msemmija fil-punt (c).

3. Kull Stat Membru soġġett għar-reviżjoni bejn il-pari msemmija fil-paragrafu 2 għandu jirranġa għall-ippjanar u l-mod ta' implimentazzjoni fit-territorju tiegħu ta' rakkomandazzjonijiet tekniċi rilevanti bħala riżultat tal-proċess tar-reviżjoni bejn il-pari u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

4. Jekk il-Kummissjoni tidentifika devjazzjonijiet jew dewmien sostanzjali fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi bħala riżultat tal-proċess ta' reviżjoni bejn il-pari, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti tal-Istati Membri mhux ikkonċernati biex jorganizzaw u jwettqu missjoni ta' verifika biex tinkiseb stampa sħiħa tas-sitwazzjoni u tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar il-miżuri possibbli biex jirrimedja għal kwalunkwe nuqqas identifikat.

5. Fil-każ ta' aċċident li jwassal għal rilaxx bikri jew kbir jew avveniment mhux normali li jwassal għal sitwazzjonijiet li jkunu jeħtieġu miżuri ta' emerġenza barra mis-sit jew miżuri li jipproteġu lill-pubbliku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistieden li ssir fi żmien sitt xhur reviżjoni bejn il-pari tal-installazzjoni kkonċernata skont il-paragrafu 2, u li għaliha l-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna tipparteċipa.

Artikolu 8f

Linji gwida għat-titjib tas-sikurezza nukleari

Abbażi tar-riżultati tar-reviżjonijiet bejn il-pari mwettqa skont l-Artikolu 8e(2) u r-rakkomandazzjonijiet tekniċi li jirriżultaw, f'konformità mal-prinċipji ta' trasparenza u titjib kontinwu tas-sikurezza nukleari, l-Istati Membri għandhom, bl-appoġġ tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti, b'mod konġunt jiżviluppaw u jistabbilixxu linji gwida dwar it-temi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 8e(2)(a).".

(12) It-titolu li ġej iddaħħal wara l-Kapitolu 2a:

"KAPITOLU 2b

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI".

(13) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 3 ġie revokat.

(14) L-Artikolu 9a li ġej iddaħħal wara l-Artikolu 9:

'*Artikolu 9a*

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [*daħħal id-data - din id-data trid tikkorispondi mad-data tal-iskadenza għat-traspożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 ta' din il-proposta*] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.".

(15) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1a li ġej iddaħħal wara l-paragrafu 1:

"1 a. L-obbligi tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 8a, 8b, 8c, 8d u 9a ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għal Ċipru, l-Irlanda, il-Lussemburgu u Malta, sakemm ma jiddeċiedux li jiżviluppaw xi attività marbuta mal-installazzjonijiet nukleari soġġetta għal liċenzja taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn *id-data tal-iskadenza għat-traspożizzjoni trid tiddaħħal matul il-proċess leġiżlattiv*]. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva u ta' kull emenda sussegwenti għal dawk id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President